PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Baġits*

**2012/0130(NLE)**

20.7.2012

# ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea min-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja, min-naħa l-oħra
(COM(2012)0247 - C7 0000/0000- 2012/0130(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: François Alfonsi

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

Abbażi tal-mandat rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni nnegozjat mal-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern tal-Groenlandja f'isem l-Unjoni Ewropea bil-għan li ġġedded il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern tal-Groenlandja. Wara dawn in-negozjati, ġie inizjalat Protokoll ġdid fit-3 ta' Frar 2012, li jkopri perjodu ta' tliet snin li jibda mill-1 ta' Jannar 2013.

Il-Protokoll il-ġdid huwa konformi mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bil-għan li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Groenlandja u jiġi promoss qafas ta' sħubija li fih ikunu jistgħu jiġu żviluppati politika sostenibbli tas-sajd u sfruttar responsabbli ta' riżorsi tas-sajd fiż-ŻEE tal-Groenlandja fl-interess taż-żewġ Partijiet.

Iż-żewġ Partijiet qablu li jikkooperaw bil-ħsieb li tiġi implimentata politika settorjali tas-sajd tal-Groenlandja u għal dak il-għan għandhom ikomplu d-djalogu politiku dwar l-ipprogrammar rilevanti.

Il-Protokoll il-ġdid jipprovdi għal kontribuzzjoni finanzjarja totali ta' EUR 17 847 244 fis-sena għall-perjodu kollu. Dan l-ammont jikkorrispondi għal: a) EUR 15 104 203 fis-sena għall-aċċess għaż-ŻEE tal-Groenlandja u b) EUR 2 743 041 fis-sena li jikkorrispondu għal pakkett addizzjonali mħallas mill-UE bħala appoġġ għall-politika tas-sajd tal-Groenlandja.

Skont l-Artikoli 43(2) u 218(6)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew jista' jagħti l-approvazzjoni tiegħu jew inkella jirrifjuta li jagħtiha.

Fir-rigward tal-kontenut, il-karatteristiċi tal-Ftehim huma dawn li ġejjin:

| Tip ta' nefqa | 2013 | 2014 | 2015 | **EUR Total** |
|---|---|---|---|---|
| Approprjazzjonijiet operattivi | 17 847 244€ | 17 847 244€ | 17 847 244€ | **53 541 732€** |
| Nefqa amministrattiva | | | 80 000€ | **80 000€** |
| Nefqa amministrattiva oħra u riżorsi umani | 93 000€ | 93 000€ | 93 000€ | **279 000€** |
| AMMONT TOTALI | 17 940 000€ | 17 940 000€ | 18 020 000€ | **53 900 732€** |

******

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, biex jipproponi li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu.